# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGĦA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebħa żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

| | | |
|---|---|---|
| **99.** | **23 ta' LULJU 1910.** | **IT-TIENI SENA** |



FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijġedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# IL BDIEŬA!

Is-SUR RANDON, dac il malti ħaŭtiel u ħabriechi li kiegħed tant jitħabat u jistudja biex ijgib il biedja tagħna il kuddiem, u għalhecc ħakku it-tifħir ta' cullħadd, ftit ilu, għamel taħdita sabiħa ŭisk f'ix-Xirka ta'l Biedja Maltija u li għaliha gie imfaħħar ŭisk minn cull min semgħu, u billi dac li kal fiha hu ta' fejda cbira għal bdieŭa tagħna u billi daŭna ftit għandhom min ijgħallimhom biex ijgħaddu il kuddiem, deherli li nagħmel ħaġa seŭŭa u ta' gid lill pajjis jecc ingib, fi ftit cliem, dac li kal is-Sur Randon, li f'dina il ħaġa jifhem tasseŭ. Dina ix-Xirka Agraria imbagħad biex tagħmel il gid fost il bdieŭa talbitni biex nistampalha xi ftit eluf barranin ta'n-«Naħla» biex ixxerridhom b'xejn fost il bdieŭa ħalli daŭc ucoll li ma ħumiex imsieħbin ijcunu jistgħu jitgħallmu xi ftit chif għandhom ijgħaddu il kuddiem f'is-sengħa tagħhom.

Il biedja hi is-sengħa—omm ta' collox għaliex minngħajrha il bniedem ma jistax ijgħix u hi il faŭŭara ta' cull risk u cull għana għal cull pajjis.

Mela ħalli intennu dac li kal is-Sur Randon li għal ħidma ħabrieca tiegħu ismu ma jmissu jmut katt minn kalb il bidŭi tagħna.

Dana is-sinjur beda biex kal li il bdieŭa tagħna ma jistgħux ijgħaddu il kuddiem jecc ma jżidux dejjem ma' dac li jafu. Id-dinja miexja il kuddiem dejjem, il għerf kiegħed joctor b'is-siegħat u il bidŭi tagħna ŭiekaf. X'jiġrilu? Għad li jidhirlu li jcun stallat ijcun sejjer l-ura għaliex ijcun hemm min kiegħed jiġri actar minnu u jgħaddih; u jgħaddih ijfisser li jcun kiegħed jieħu m'il art ħŭejjeġ aħjar li jista jbiegħhom orħos u li jisŭeŭlu ŭisk ankas xogħol. Mela il concorsi fost daŭna in-nies huma ta' ftit fejda kabel ma jcunu jafu seŭŭa x' għandhom jagħmlu biex ijmixxu il kuddiem l'ir-raba tagħhom. Il bidŭi tagħna ma hux għażżien, anzi hu ħaŭtiel ħafna u jistinca bi tbatija cbira iżda mischin ma jafx b'iż-żejjed x'għandu jagħmel biex jimxi bħal ħaddieħor u dana hemm bżonn li ingħallmuhulu.

Per esempju jafu li meta ftit hemm ħamrija l-art biex ma TICSAĦX ijridu jżidulha iż-żibel, ħalli TISĦON, iżda ma jafux li dana jsir b'il microbi li jcun hemm f'il ħamrija u b'it-taklib chimicu li iġġarrab l-art f'xi żmienijiet ta's-sena.

Jafu li is-silla hi *neŭba* għaliex meta tinżara tħalli *is-sugu* għal meta ŭarajha jinżergħu il kamħ u ix-xgħir; iżda ma jafux li dana jigi billi is-silla tiġbed l-azotu m'il arja li hu tant meħtieġ għal ħajja ta'l ħxejjex u ta's-siġar u taħżnu fl-art biex meta jigi iż-żara jsib x'jarda u x'jixxala.

Ftit huma daŭc li jagħżlu tajjeb il kamħ għ'aż-żara. Biex tagħżel tajjeb hemm bżonn li kabel taħsad tara liema huma iż-żbuliet l-actar sbiħ u li fihom kamħiet l-actar imsaŭŭra, daŭn taktagħhom kabel taħsad, u kabel tofsokhom takta il biċċa ta' fuk u ta' taħt ta'ż-żbula biex iżżomm biss il kamħiet ta'n-nofs li jcunu tasseŭ f'ŭakthom; u jecc cull darba tagħmel hecc u tiżra dejjem f'raba mogħni bl-azotu u b'il microbi li hemm bżonn tibdgħu dejjem tieħdu ŭiċċ kamħ aħjar m'il ieħor.

Il bdieŭa tagħna ftit jafu jaħdmu iż-żibel biex jagħmel il gid li jmissu għaliex ftit jafu li dana jrid jarġa jagħni lil l-art b'dac li jcunu redgħu iż-żara u is-siġar minnha. Ħadd minnhom ma jiġbor l-aŭrina ta'l bejjhem li jcollhom fl-istalla iżda jħalluha trattab l-art biex issir donnha ħama jinten bi ħsara cbira ta'l bhejjem. Daŭna jmisshom ijcollhom canali li jiġbruha ġo fossa li jżidu magħha l-ilma għal meta jsakku biex daŭc il ħŭejjeġ sustanzjusi għa'r-raba li jcun fiha ma jintilfux iżda jagħnu l-art. Iż-żibel għandcom tgħattuh b'it-trab ta't-triek u ixxarrbuh bl-ilma ħalli jagħkad bħal scorċa u m'iż-żibel ma jinħela xejn fl-arja iżda actar jisħon, u fuk il kuċċata ta' dana il munzell għandcom tagħmlu ħofra u dejjem titfgħu l-ilma fiha ħalli jgħad-

# Il Mistoksija oht il Gherf.

**Lil P. S.** (Floriana).

JOSEPH STEINBACH, xhur ilu, fi Vjenna, rafa m'il art fuk idejh u talla fuk rasu mija u hamsin ratal igifieri KANTAR U NOFS! pis li sa'l-lum, f'id-dinja collha ghadu ma refghu hadd.

**Lil G. M.** (Il Belt).

SHAKESPEARE MA CHIENX JIXROB SPIRTI ghax chien jaf li jaghmlu hafna hsara f'is-sahha. Isma x'halla mictub:—

«Though I look old, yet I am strong and lusty,
For in my youth I never did apply
Hot and rebellious liquors in my blood.»

**Lil B. X.** (Il Belt).

IVA, IT-TIPJIP HU HAZIN GHALL CANTANTI, u dana jghidulna il famus Herbert Graham f'il *«Health and Strength.»* L-actar li uiehed jista jpejjep hi pipa jeu sigarrett uara l-ichel izda jecc jakta dana il vizzju mokziez ghal collox ijmur ahjar u lehnu jisbih uisk actar.

**Lil C. M.** (Il Belt).

ID-DIFFERENZA BEJN L-ISFAR U L-ABJAD TA' BAJDA hi din: Fl-abjad hemm 85 parti f'il mija ilma igifieri uisk actar minn tliet quarti ta' tazza mimlija bl-abjad ta'l bajd ma hux sustanza izda ilma, 12 il parti huma albumina, 2 grass u uiehed f'il mija fosfati. L-isfar fih 51 u nofs ilma, 15 albumina, 32 grass isfar, u uiehed u nofs fosfati. Minn dana tistghu tarau car li l-istess huejjeg li jidhlu biex jaghmlu l-abjad jidhlu biex jaghmlu l-isfar ta' bajda u ghalhecc fl-abjad hemm hafna sustanza bhal ma hemm fl-isfar ghad li m'hux fl-istess quantità. Ghaldakstant dauc collha li ghandhom f'rashom li l-abjad ma fihx sustanza u jiscartauh jaghmlu hafna hazin ghaliex ijcunu kieghdin jarmu haga prezzjusa hafna bhal ma jaghmlu dauc collha li jiscartau il boljut ghaliex jahsbu li is-sustanza ghaddiet collha f'il brodu bla ma hu hecc. Il bajda jecc tiecluha nejja actar issostni ghaliex l-albumina ma taghkadx u tghaddi actar malajr m'il istoncu.

**Lil G. G.** (Haz-Zebbug).

BIEX TEKRED ID-DUBBIEN aghmel hecc: ixtri ftit *formol* minn ghand l-ispizzjar u hallat disa darbiet daksu mieghu ilma u kieghdu fi platt fejn l-actar jingabar id-dubbien, u tara li chif jisgurauna it-Tobba Curtaz u Delamarre li ippruvauh, ehemm jersak dubbien ghandu jmut. Id-dubbien ghamlu chemm tistghu biex tekirduh ghaliex dana mardiet coroh biss jista jgorrilcom.

**Lil C. S.** (San Giljan).

IL SOLFARINI IVVINTAHOM GANNI WALKER, chimicu u drughier ingliz ta' Stockton-upon-Tees, (Durham) fl-1827 b'cumbinazzjoni. Dana tchellem ma'l cbir xjenzjat Michiel Faraday u dana hajjru li jaghmel minnhom ghal bejgh. Hecc ghamel u staghna f'kasir zmien billi cullhadd beda jixtri ghax iz-zmied u il-lixca chienu xebbghu l'in-nies collha.

**Lil S. M.** (Hamrun).

IS-SUFFARA TA'L VAPUR-TA'L-ART BDIET FL-1836, scond ma jgharratna il *Mon Dimanche*. Kabel chienu jdokku tromba.

**Lil C. C.** (Il Belt).

IVA, FL-UTAN, FL-AMERICA, MIN MA JINHASELX GHALLANKAS DARBA F'IL GIMGHA JAGHMLULU CITAZZJONI U JEHEL.

**Lil B. S.** (Marsa).

IL MARD L-ACTAR LI JITTIEHED HU MA'L ICHEL. Il morda jobzku fl-art, dan jinxef u jtir ma'l arja u jaka fuk l-ichel li jitnigges. Ghalhecc hemm bzonn li hadd ma jobzok fl-art. Katt mela thallu it-tfal jilaghbu b'it-trab jeu jitkaghbru ma'l art. L-ilbies, il mobbli, il cotba, il gazzetti u il biljetti di banca jistghu ucoll ijniggsuna. Katt thallu min jisghol f'uiccom, ghaliex tistghu tiehdu hafna mardijiet. Katt tgherrmu difrejcom jeu tghauuru imnifsejcom b'difircom ghax tista tigicom irsipla. Il beus ucoll ijcattar il mardijiet.

**Lil P. G.** (Bormla).

IVA, L-IMGHALLKIN JISTGHU JIBKGHU HAJJIN. Il *Medical Times and Gazette* ta'l 1859, vol. 18, pag. 256, gieb il fatt. F'Boston, fl-America, ghallku il uiehed u halleuh imdendel nofs siegha billi cullhadd hasbu mejjet. Erbghin minuta uara li ghallkuh, halleulu il habel, u f'is-sinsla ta' dahru ma sabulu l-ebda hsara. Siegha u nofs uara it-tghalliek demmu beda jahdem seuua u x'hin it-tobba fethulu sidru sabulu kalbu ghada thabbat u miet ghal collox xi hames sieghat uara li ghallkuh! Ma jidrilcomx li dauc it-tobba katluh huma stess billi fethulu sidru meta chien ghadu hajj? Ma jidhrilcomx li i! Gvern taghna kieghed jaghmel hazin meta jrid ijuebbes rasu biex jidfen l-imghallkin ftit sieghat uara it-tghallik ga la darba jistghu jibkghu hajjin? Akrau ahjar bl-ingliz l-articolu li semmejtilcom halli tarau chif tasseu hu fatt li jchexchex il cullhadd u li meta ahna ctibna li Xcora sata chien ghadu hajj meta difnuh ma ghidniex huejjeg li jdahhku in-nies bhal ma hasbu hafna u bhal ma ghadhom ijghidu xi uhud sa'l-lum.

LEGALLY «DEAD,» BUT STILL LIVING,

The *Medical Times and Gazette*, 1859, vol. xviii., pag. 256, has the following:—

« We find in an account taken from the 'Boston Medical and Surgical Journal' some observations on the heart of a hanged criminal which are remarkable in a moral point of view, as well as in their scientific aspect. The man died, it appears, as the phrase is, without a struggle; and therefore, probably in the first instance he fell into a syncope. The lungs and brain were found normal. Seven minutes after suspension, the heart's sounds were distinctly heard, its pulsation being one hundred a minute; two minutes later they were ninety-eight; and in three minutes sixty, and very feeble. In two minutes more the sounds become inaudible. The man was suspended at ten o'clock, and his body was cut down twenty five minutes afterwards. There was then neither sound nor impulse. At 10.40 the cord was relaxed, and then the face became gradually pale; the spinal cord was uninjured. . . . At 11.30 a regular movement of pulsation was observed in the right subclavian vein; and, on applying the ear to the chest, there was heard a regular, distinct, and single beat, accompanied with a slight impulse. Hereupon Dr: Clark, Ellis, and Show open the thorax, and expose the heart, which still continues to beat! The right auricle contracted and dilated with energy and regularity. At twelve o'clock the pulsations were forty in a minute; at 1.45 five per minute. They ceased at 2.45; but irritability did not entirely disappear until 3.18, more than five hours after suspension. This fact, says M. Séquard, demonstrates that in a man, unfortunately, even when syncope exists for some minutes at the commencement of strangulation the ventricles of the heart cease to beat almost as quickly as they do in strangulation without syncope. With regard to the moral aspects of this case, the same gentlemen remark:—'People will probably be surprised that the body of this man should have been opened while the beating of the heart was still audible. We will not ask here if the doctors committed or not a blamable action; we will only say that we know them personally, and that if they have in part merited the violent reproaches addressed to them, they are, nevertheless, *hommes de cœur*, who, in an excess of scientific zeal, did not notice that the body upon which they experimented was not, perhaps, at the time a dead body:»

The above is a ghastly instance of how syncope—that is, the temporary failure of the heart's action—simulating death, may lead to most revolting consequences.

# TLAKKIT.

**It-Tabib Herman** tal Isptar ta' Haine St. Pierre ta'l Belġju sab cura ġdida tajjba ħafna għal min ijcollu xi traċna, xi tumur, xi dieħes jeŭ xi nefħa oħra b'il marċa. Dina il cura hi ucoll ħafifa ŭisk billi jinjetta daks litru jeŭ tnejn OSSIGENU PUR ħdejn it-tumur jeŭ it-traċna bl-abra ta'l injezzjoni li b'tubu tcun jccumnicata ma apparecc mimli bl-ossigenu u li jcun kiegħed taħt certa pressjoni. Dana l-ossigenu joktol il microbi f'kasir żmien u b'hecc daŭc it-traċni li dari chienu jdumu ma jfieku xhur sħaħ illum kiegħdin jfejjkuhom fi ftit ġranet.

**Fl-Olanda** meta tŭieldet il Principissa Ġuljana in-nisa ta' hemm għamlu biċċa sabiħa ŭisk. Semmeŭ qŭalità ġdida ta' fjur bl-isem ta' **Ġuljana** u ħarġu ijbiegħuh f'it-torok huma stess u il flus li ġabru minn dana il bejgħ kassmuhom carità lill fkar.

**Dr: Henry Varney** sab li b'ir-raggi tar-radju (X), il metall il ġdid li sabet Madame Currie ftit ilu, jistgħu jneħħu m'il ŭiċċ il ħofor ta'l ġidri u il farrett ta'l feriti. B'daŭna ir-raggi fli-Skin Hospital ta' Londra kiegħdin ijfejjku il mardijiet coroħ ta'l cancer u ta'l-lupus.

**Fl-Inghilterra** seba imħallfin iddecideŭ li in-nisa ma jistgħux jagħmluha ta' avucat. Fl-Italja iddecideŭ l-istess iżda fi Franza jistgħu u hemm jaħdmu ġa ħmistax il ŭaħda.

**F'Sydowsaue, f'il Germanja,** infetħet fabbrica ġdida biex tagħmel il ħarir m'il injam! Dana il ħarir hu sabiħ bħal l-ieħor u ma jintgħarafx f'il għajn biss ma hux b'saħħtu daks il ħarir naturali.

**Biex tnaddaf il fidda** ħoll ftit *creta preparata* (6 parti) ma sitt parti ilma ta'l ammoniaca li it-tnejn jinxtraŭ minn għand l-ispiżżjari u magħhom żid disa parti spirtu u erbgħin parti ilma u aħsel seŭŭa bih, ixxotta u ogħroc, u tara chif l-oġġett jigic donnu ġdid.

**Scond il Prof: Fresenius** ta' Wiesbaden, bajda fiha sustanza daks libbra u ukija cirasa, daks libbra u qŭart għeneb, libbra u nofs tuffieħ, u erba libbri anġas. Mela minn dana naraŭ ucoll li it-tuffieħ fih ma't-tliet darbiet sustanza actar mi'l-angas u iċ-ċirasa hi sustanzjusa ma'l erba darbiet actar m'il-anġas. Mitt libbra patata fihom sustanza daks 114 il-libbra għeneb, 127 libbra tuffieħ, 192 libbra anġas u 327 libbra għajnbakar. Mela minn dana nergħu naraŭ li ratal patata fih sustanza daks tliet irtal u qŭart għajnbakar; u minn dana il calclu naraŭ ucoll li nofs ratal patata fih sustanza, bejn ŭieħed u ieħor daks li fiha bajda!

**Il pajjis li l-actar ijgaŭdi xemx** fl-Eŭropa hu Spanja (3,000 siegħa f'is-sena). L-Italja tigi ŭara b'2,300; il Germanja 1,700 u l-Inghilterra 1,400 biss.

**Li il genn** jintired jurihulna dana l-istudju li sar fl-Essex County Asylum, fl-Inghilterra. Minn 106 missier miġnun ħarġu 117 il tifel u 138 il tifla imgienen; u minn 256 omm miġnuna ħarġu 113 l-iben u 182 il bint imgienen ucoll.

**Scond il Prof: Belman,** ta'l Università ta' Bonn, minn mara sacrana għal l-aħħar ħarġu f'in-nisel tagħha, fuk 709 li studjaŭhom tajjeb, 7 kattiela, 76 ħatja ta' delitti oħra, 142 tallaba u 182 mara ħażina! *(The Medical Record.)*

**Bniedem** jitchellem xi tnax il elf chelma cull jum.

**F'Billinghay,** fl-Inghilterra, mara tellgħet sinna ġdida meta laħħket 86 sena. Min jaf chienetx ta'l għakal?

# Għa'n - Nisa.

*(fissocta minn numru ta' kabel.)*

In-nisa, għad li ir-ragel dejjem zammhom mirfusa biex jaħchimhom actar chif ijrid scond ir-rieda tiegħu, dejjem ŭreŭ ħila u intelligenza cbar u ħafna minnhom ma chienu jagħmlu l-ebda għajb chiecu chienu irgiel. Nieħdu biss l-isem ta' Ġanna D'Arc, ta' Boadicea, ta' Grace Darling—min fost l-irgiel ŭera ħila acbar minn tagħhom? U ma bierecx cullħadd il ħila ta' Miss Florence Nightingale—«L-Anġlu ta'l Crimea»—li chellha il ħila li tmur fuk il camp ta'l battalja ta' Inkermann iddeŭŭi u iddur b'il midruba, u li ŭara ħalket daŭc in-*nurses* li jduru b'il morda fl-isptarijiet? Ma marretx forsi Lady Sarah Wilson, fl-aħħar gŭerra tal Boeri, bħala ġurnalista u chellha il ħila li takdi dmirha bħal ġurnalisti irgiel l-oħra collha? Dina tant uriet ħila cbira li il Boeri ħaduha saħansitra prigiuniera. U ma marretx Mrs. French-Sheldon F.R.G.S., fl-1891, fl-aħrax ta'd-deserti ta'l Africa, biex issib artijiet ġodda u biex tistudja id-draŭŭiet ta' daŭc in-nies salvaġġi li jieclu il-laħam ta'l-bniedmin? Dina tant ivvjaġġat biex tistudja li daret ġa għal tliet darbiet ma'd-dinja tond u għaddiet minn ħafna tiġrif u tiġrib cbar. U ma ħamx bosta nisa li bħa'r-rgiel telgħu fuk l-ogħla muntanji? U ma humiex in-nisa kiegħdin jitilgħu f'il balluni u fl-areoplani bħa'r-rgiel? U ma chienux in-nisa grieghi jgħaġġbu id-dinja collha ta'l antic meta chienu jissaraŭ ma'l gladjaturi u ma'l annimali feroci l-istess bħal l-atleti? Ma smajtuhom katt ijfaħħru in-nisa Spartani għall ħila tagħhom? Ma tafux forsi li cull xjenza, cull arti, cull letteratura għandhom fost in-nies cbar tagħhom l-isem ta' xi mara? Ma hux biż-żejjed forsi biex ijżejjen l-isbaħ xjenza l-isem ta' Madame Currie li kiegħda tgħaġġeb id-dinja b'dac li kiegħda issib ġdid f'il chimica? U Ada Negri, Matilde Serao, Boghen-Conegliani, Grazia Deledda, Severine, Mrs. Wood, Mrs. Humphrey Ward, Lagerlof, Miss Bronte, Santa Caterina di Siena, Carmen Sylva, u tant eluf ta' oħrajn ma humiex ismijiet sbiħ li jżejjnu cull letteratura? Mela ġa la darba irnexxeŭ il ftit f'il ħŭejjeġ ta's-saħħa u ta'l moħħ ma nafx għala, jecc ŭieħed jagħmlilhom il kalb u jigħallimhom, ma għandhomx jirnexxu ħafna; biss hemm bżonn li jneħħu il ħafna fehmiet ħżiena u kodma li għandhom f'rashom u jmiddu għonkhom għal gid tagħhom u ta' uliedhom.

Barra milli il mara għandha tcun b'saħħitha u intelligenti għandha ucoll tcun sabiħa biex tcun actar maħbuba, u bla saħħa ma jista jcun hemm katt ġmiel veru. *«Those who would be lovely should do all in their power to restore health if they have lost it, or to keep it if they are the lucky possessors of it.» (Gent).*

Mela jecc tridu li jcollcom il ġmiel, li hi l-arma l-actar kaŭŭija ta'l mara biex timxi f'id-dinja bħal ma ta'r-ragel hi l-intelligenza, ibda biex tieħu ħsieb saħħtec seŭŭa, GĦALIEX FEJN MA HEMMX SAĦĦA MA JISTAX IJCUN HEMM IL VERU ĠMIEL. Min ma jcunx jiflaħ jiċċajpar, il carnaġun tittappan, il leŭn jitbiel, issir żorra, tiddejjak minn collox u b'hecc ma jista tiġbed il ħadd lejc iżda tgherrxu minnec biss.

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

---

Min ijrid jixtri LINCA TA'L ISTAMPA seŭda għal cotba jeŭ għal ġurnali, ta'l famusa **Fabbrica Lorilleaux**, bi rħis, jicteb Strada San Vincenzo No. 12, Ta's-Sliema.

# TRIDU TFIEKU MALAJR?

Morru f 'id-**Dar ta'l Cura** ta'l imfaħħar

**Prof: ERNESTU PICONE**

ta' Serkusa, fi Skallija, fejn ijsiru operazzjonijiet ta' chirurgija, ta' ostetriĉja, ta' ginecologija u ta'l għajnejn, b'ħeffa, b'rekka u bi prezzijiet moderati li cullħadd ħareġ cuntent minnhom.

Min jinfetak, jeŭ ijcollu il mard ta'l ħagra, jeŭ mardijiet ta'l ġuf, ta'l istoncu, ta'l fŭied, ta'l clieŭi u mardijiet oħrajn, l-isbaħ li jagħmel hu li jakbeż sa hemm fejn ijsib cull cumdità u **jonfok ftit.**

---

# BRITANNIA

## STABILIMENT GDID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**
**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

## BRITANNIA

---

# L=OSSIGENU

li illum hu tant użat f 'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f 'loc li iokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

# Is-Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

---

# INVENZJONI FAMUSA

**hi sgur dic li ghamlu dan l-ahhar billi sabu haġa li tiffranca m'hux biss xoghol u żmien iżda flus ucoll u tahbit f'il hasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xoghol u l-gheric**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaŭ is-sapun ghaliex tahlu ftit**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma thallsux hassiela u ma tahlux hafna żmien**

## UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegh il Belt ghand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema ghand il « BRITANNIA » ta' Sda. it-Torri.**

---



Min hu marid bl-ANEMIJA (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭħ fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

# IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjah is-seclu taghna il gharef Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu ghaliex il-lum ma haŭn hadd li ma hux mahsus b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

## NEVRASTENIJA

**li kieghda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Ghalhecc l-ahjar tobba kieghdin jithabtu biex ijsibu cura seŭŭa ghal dina il marda ghaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaŭ iżda hadd ma irnexxa daks il gharef u imfahhar**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kieghed ijfejjak jeŭ jaghmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbighu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**

## FLUS! FLUS! FLUS!

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar, fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlakha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kieghdin l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA




# C. CAMILLERI & SONS




## 50 STR. MERCANTI IL BELT

CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL. BY FORMOSA.


**In-"Nahla' tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**